MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 348/2003

**Charles de Giorgio Limited**

**vs**

**Mark Briffa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hdax-il lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm411.81) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, izda mhux imhallsa, u dank if jidher minn "statement" numru 1569 anness mal-avviz u mmarkat Dok.A;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 28 ta' Novembru, 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-**

**data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Jackie Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hdax-il lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm411.81) bl-imghaxijiet legali mis-17 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv,**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 28 ta' Novembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------